MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-8 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 877/2004

**Saint Geroge's Park Company Limited**

**Vs**

**Denisely Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi l-kumpanija attrici hija proprjetarja tal-fond illum maghruf bhala *Ristorante Belfiore*, gja "Al Convento" u qabel maghruf ukoll bhala "Bacchus II", liema fond jinsab 124, 125 u 126 Main Street, San Giljan;

Illi dan il-fond gie mikri mill-attrici lill-konvenuta Denisely Limited permezz ta' kuntratt datat 16 ta' Novembru, 2001 fl-atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa (Dok. A);

Illi l-konvenuta Denisely Limited naqset li thallas tliet skadenzi ta' kera, ammontanti ghal total ta' ghoxrin elf, mija u sitta u tletin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm20, 136.55), li jirreferu ghall-perjodi mid-9 ta' Dicembru, 2003 sat-8 ta' Marzu, 2004, mid-9 ta' Marzu, 2004 sat-8 ta' Gunju, 2004 u mid-9 ta' Gunju sat-8 ta' Settembru, 2004;

Illi bi ksur tal-klawsola 7 tal-kuntratt il-konvenuta naqset ukoll li thallas is-somma ta' mitejn u tlettax-il lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu (Lm 213.83) bilanc fuq premium ta' assigurazzjoni;

Illi l-imsemmi kuntratt lokatizju jaghti d-dritt lill-kumpannija attrici xxolji l-kuntratt jekk il-kerrej jonqos li jhallas xi ammont ta' kera dovuta jew insurance premium dovut fi zmien tletin gurnata minn meta jigi interpellat jaghmel dan permezz ta' att gudizzjarju (Klawsola 8);

Illi l-kumpannija attrici interpellat lill-konvenuta Denisely Limited sabiex tonora l-kundizzjonijiet ta' kera u thallas l-arretrati dovuti, permezz ta' ittra ufficjali numu 2594/04 datata 22 ta' Lulju, 2004, u debitament notifikata (Dok. B), imma l-konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini ta' l-Artiklu 167 (1)(b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, stante li l-konvenuta m'ghandhiex difiza xi tressaq kontra t-talbiet ghall-izgumbrament, u l-attrici qed tannetti affidavit f'dan is-sens bhala Dokument C;

Talbet illi din il-Qorti:

1. Tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta’ l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Procedura u Organizzazzjoni Civili;

2. Tiddikjara terminata l-kirja naxxenti mill-kuntratt tas-16 ta’ Novembru, 2001, bejn il-partijiet, ai termini tal-klawsola 8 ta’ l-istess skrittura;

3. Tikkundanna lill-konvenuta Denisely Limited tizgombra mill-fond illum maghruf bhala *Ristorante Belfiore*, gja “Al Convento” u qabel maghruf ukoll bhala “Bacchus II”, liema fond jinsab 124, 125 u 126, Main Street, San Giljan.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-22 ta’ Lulju, 2004, kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Dr. Franco vassallo u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi l-attrici cediet it-talba ghall-hall tal-kiri u ghall-izgumbrament izda zammet it-talba ghall-ispejjez;

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, is-socjeta’ konvenuta ma wrietx raguni tajba ghala ghandha tithalla tikkontesta l-kawza;

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta’ l-kawza billi tikkundanna lill-konvenuta thallas l-ispejjez kollha tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------